MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1751/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Stephen Gerada u l-istess Stephen Gerada**

**Vs**

**Giuseppe Camilleri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' erba' mija u tmintax-il lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm418.88c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ammetta li kien responsabbli ghall-incident izda jghid li parti sostanzjali

mill-hsarat reklamati mill-atturi effettivament kienet antecedenti ghall-incident in kwistjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur, proprjetarju tal-vettura EAL 048 jghid:

“I was driving from the direction of Zejtun to B’Bugia. I saw the other car sounded the horn but continued on its way and we collided.”

Ra r-risposta tal-konvenut, proprjetarju tal-vettura VMA 158 fejn jghid:

“I was driving from Triq il-Herikles to B’Bugia. I stopped on the Stop Sign, emerged saw the other car coming and we collided.”

Ra x-xhieda ta’ Dr Edmond Zammit Laferla li huwa Legal Affairs Executive mas-socjeta’ attrici fejn esebixxa xi dokumenti u jghid illi l-attur huwa assigurat taht polza *comprehensive* u hallas *excess* ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Ra x-xhieda ta’ l-attur Stephen Gerada fejn bhax-xhud precedenti jghid illi hallas is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* u illi b’rizultat ta’ l-incident, kellu hsara fil-*mudguard*, fil-*bumper* u fil-fanal u grif irqiq mal-genb kollu u li l-karozza ma kien fiha ebda daqqa qabel l-imsemmi incident.

Jghid illi hu u niezel in-nizla ta’ B’Bugia, l-konvenut hareg mis-*Stop Sign* u baqa’ diehel go fih waqt li hu kien ghadu miexi u li b’konsegwenza ta’ dan ghandu l-imsemmi grif fuq il-genb kollu tan-naha tax-xellug tal-karozza.

Ra x-xhieda ta’ Marisa Gerada li kienet *front seat passenger* fejn tghid illi qabel l-incident, il-vettura ta’ l-attur ma kellha l-ebda hsara. Illi wara l-incident il-karrozza kellha daqqa fil-*mudguard* ta’ quddiem, fl-*indicator*, fil-fanal u fil-*bumper* u fil-mera tan-naha tal-passiggier.

Ra x-xhieda ta’ James Mercieca li kien imqabbad biex jara l-hsara fuq il-karrozza ta’ l-attur u jikkonferma li hemm hsara mal-genb kollu tal-karozza u barxa fuq il-bieba ta’ wara.

Ra x-xhieda tal-konvenut Giuseppe Camilleri fejn jghid illi l-karozza tieghu ma setghetx laqtet il-karozza ta’ l-attur, anzi d-daqqa tahilu l-attur stess u li fil-fatt b’kagun ta’ dan, il-fanal u parti mill-mera tal-vettura ta’ l-attur waqghu ma’ l-art. Il-konvenut jichad illi kkaguna l-hsara fuq il-genb u n-naha ta’ wara tal-karozza ta’ l-attur.

Il-konvenut jibqa’ jinsisti li l-hsara fuq in-naha ta’ wara mhux b’kagun tal-habta mieghu u jallega illi s-sadid mal-karozza ta’ l-attur kien hemm qabel l-imsemmi ncident. Jghid ukoll illi n-naha l-ohra tal-karozza ta’ l-attur jigifieri n-naha tal-lemin kien fiha s-sadid ukoll.

Stephen Gerada qal li l-karozza tieghu ma kellha ebda daqqa qabel l-incident. Dan huwa kkonfermat minn Marisa Gerada.

Skond ir-rapport tal-pulizija l-karozza ta’ l-attur kellha hsarat kif gej:

“Extensive – front left bumper, indicator, mirror, both doors rear bumper/mudguard.”

Is-Surveyor ikkonferma li l-genb shih kellu hsarat.

Illi mill-provi prodotti huwa iktar verosimili l-verzjoni ta’ l-atturi ghaliex il-pulizija li nvestiga l-incident innota li kien hemm *extensive damage* li kien jinkludi:

“Front left bumper, indicator, mirror, both doors, rear bumper/mudguard.”

Gew esebiti kemm is-*survey* kif ukoll l-ircevuti.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-

somma ta’ erba’ mija u tmintax-il lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm418.88c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (24 ta’ Settembru, 2004).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------